



Postijiet tax-xogħol
li jgħibu 'l quddiem is-saħħa
**XOGĦOL SIGUR U LI
JIPPROMWOVI S-SAĦĦA
FL-ERA DIĠITALI**



Informazzjoni intuwittiva dwar is-sikurezza u s-saħħa għal xogħol fuq ail-pjattaformi diġitali

Punti ewlenin

- Ix-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali qed isir dejjem aktar komuni fl-Ewropa kollha u lil hinn minnha.
- Dan it-tip ta' xogħol jista' jirrappreżenta opportunità għal xi gruppi ta' ħaddiema biex jidħlu f'impjeg jew biex ikollhom flessibilità akbar.
- Ir-riskji għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali assoċjati mal-kompiti mwettqa mill-ħaddiema tal-pjattaformi diġitali huma fil-biċċa l-kbira simili għal dawk assoċjati mal-istess kompiti mwettqa barra mill-ekonomija tal-pjattaformi.
- Madankollu, il-ħaddiema tal-pjattaformi diġitali huma esposti għal firxa ta' riskji addizzjonali assoċjati b'mod dirett man-natura u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xogħol fuq il-pjattaformi.
- Il-gvernijiet, il-pjattaformi tax-xogħol diġitali, is-sħab soċjali u l-ħaddiema tal-pjattaformi nfushom introduċew firxa ta' inizjattivi biex itejbu s-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema tal-pjattaformi diġitali.

Xogħol sigur u li jippromwovi s-saħħa fl-era diġitali

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) qed tmexxi l-Kampanja 2023–2025 dwar il-Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa (HWC) madwar l-Ewropa biex tqajjem kuxjenza dwar l-implikazzjonijiet tal-użu ta' teknoloġiji diġitali għas-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol. Jekk ikunu ddisinjati, implimentati, ġestiti u użati f'konformità mal-approċċ iċċentrat fuq il-bniedem, it-teknoloġiji diġitali jistgħu jkunu sikuri u produttivi. Peress li l-użu ta' dawn it-teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol ikompli jżied u l-impatt tagħhom fuq ix-xogħol u fuq il-postijiet tax-xogħol għadu ma huwiex mifhum bis-sħiħ, huwa importanti li jinħoloq fehim dwar kif għandhom jiġu rfinuti l-istrateġiji li jippromwovu u jipproteġu s-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema.

Ix-xeġra dejjem tikber tax-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali

Ix-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali huwa pjuttost mod ġdid ta' ħidma possibbli permezz ta' teknoloġiji diġitali, bħal kompjuters personali, smartphones, applikazzjonijiet u konnessjoni tal-internet. Ix-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali huwa definit bħala x-xogħol kollu mħallas provdut permezz ta' jew fuq pjattaforma diġitali – suq diġitali li jippermetti li jitqabblu d-domanda u l-provvista tax-xogħol biex jitwettqu kompiti speċifiċi. Fi ħdan dan il-kunċett, ix-xogħol jista' jsir kompletament online jew fuq il-post.

Ix-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali online kontra dak ta' fuq il-post

Ix-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali online: il-kompiti jitqabblu mal-ħaddiema online u jitwettqu biss jew fil-biċċa l-kbira b'mod virtwali bl-għajjnuna ta' apparat elettroniku fi kwalunkwe post (l-aktar id-dar tal-ħaddiema). Eżempji ta' ħaddiema tal-pjattaformi online jinkludu moderaturi tal-kontenut, programmaturi tas-software, ħaddiema klerikali u disinjaturi grafiċi.

Ix-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali fuq il-post: il-kompiti jitqabblu mal-ħaddiema online iżda jitwettqu biss jew fil-biċċa l-kbira fid-dinja fiżika, bħal f'żoni pubbliċi, fit-triq jew fil-bini tal-klijent. Il-ħaddiema tal-pjattaformi fuq il-post jinkludu xufiera, sewwieqa, ħaddiema tal-idejn, ħaddiema domestiċi, infermiera u carers.

Skont id-data mill-istħarriġ tal-OSH Pulse tal-EU-OSHA (2022), madwar 6 % tal-ħaddiema fl-EU27, l-Iżlanda u n-Norveġja kienu qed jaqilgħu parti mill-introjtu tagħhom (3 % tal-ħaddiema) jew il-biċċa l-kbira tal-introjtu tagħhom (3.1 % tal-ħaddiema) permezz ta' xogħol fuq pjattaformi diġitali. Il-ħaddiema tal-pjattaformi huma involuti b'mod aktar frekwenti f'firxa wiesgħa ta' setturi, bħat-teknoloġija tal-informazzjoni u komunikazzjoni, is-servizzi tekniċi u professjonali, il-kummerċ, it-trasport, l-akkomodazzjoni, l-ikel u s-servizzi ta' appoġġ amministrattiv. Għalkemm is-sehem tan-nisa fost il-ħaddiema tal-pjattaformi qed jiżdied, dawn huma sottorappreżentati fil-kategorija. Ix-xogħol fuq il-pjattaformi huwa aktar komuni fost il-migranti u l-ħaddiema żgħażaġh, speċjalment fit-tipi ta' xogħol li huma l-aktar perikolużi.

Fl-2022, madwar 6 % tal-ħaddiema fl-EU27, l-Iżlanda u n-Norveġja kienu qed jaqilgħu parti jew il-biċċa l-kbira tal-introjtu tagħhom jaħdmu għal pjattaformi diġitali.

Kif ix-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali joffri opportunitajiet

Ix-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali jnaqqas l-ostakli għad-dħul u d-dħul mill-ġdid fis-suq tax-xogħol, u jista' jżid il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol għal kulħadd, inklużi l-persuni vulnerabbli u emarġinati. Xi gruppi huma rrappreżentati żżejjed fost il-ħaddiema inattivi u qiegħda, bħal migranti, persuni b'diżabbiltà jew b'kundizzjonijiet kroniċi, u n-nisa. Meta impjegati, spiss isibu ruħhom f'impjiegi ta' kwalità baxxa.

Għalhekk, ix-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali jista' jkun sors attraenti ta' introjtu addizzjonali jew alternattiv, peress li jista' jiġi kkombinat ma' forum oħra ta' xogħol jew ma' dmirijiet ta' indukrar tal-membri tal-familja. Barra minn hekk, il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom it-tendenza li ma jpoġġux restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' ħaddiema li jstgħu jirreġistraw, u lanqas fuq il-profil tal-ħaddiema, ħlief fuq il-ħiliet meħtieġa biex isir ix-xogħol. Barra minn hekk, dan it-tip ta' xogħol jippermetti lin-nies jiżviluppaw ħiliet u jiksbu esperjenza, li potenzjalment jstgħu jwasslu għal impjiegi b'kundizzjonijiet aħjar.

L-iskoperta tar-riskji tax-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali

Ir-riskji għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali li l-ħaddiema tal-pjattaformi jiltaqgħu magħhom huma simili ħafna għal dawk marbuta mal-istess kompiti mwettqa barra mill-ekonomija tal-pjattaformi. Pereżempju, il-ħaddiema tal-pjattaformi online huma esposti għal riskji relatati ma' pożizzjonijiet statiċi fit-tul, użu ta' tagħmir inadegwat u użu ta' apparati diġitali.

Madankollu, ix-xogħol fuq il-pjattaformi jinvolvi xogħol addizzjonali, bħal li wieħed iqatta' l-ħin ifittex kompiti biex jaħdem fuqhom, u kapaċitajiet addizzjonali, bħal li jkun familjari mat-teknoloġiji meħtieġa biex jaċċessa l-pjattaformi. Huwa komuni wkoll f'okkupazzjonijiet li huma ġeneralment aktar riskjużi, bħat-trasport u l-kunsinna. Hemm għadd ta' fatturi u kundizzjonijiet tax-xogħol fuq pjattaformi diġitali li jwasslu għal riskji addizzjonali għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, li jagħmluha aktar kumplessa biex jiġu evitati u ġestiti fi ħdan l-ekonomija tal-pjattaformi.

Riskji speċifiċi ta' xogħol fuq il-pjattaformi diġitali

- **L-istatus fl-impjieg u l-arranġamenti kuntrattwali ambigwi**

Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom it-tendenza li jikklassifikaw il-ħaddiema bħala freelancers li jaħdmu għal rashom, li jista' ma jaqbilx mal-kundizzjonijiet attwali tal-impjieg u tax-xogħol tagħhom. Li wieħed jaħdem għal rasu jagħmel lill-ħaddiema tal-pjattaformi responsabbli mis-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tagħhom stess, peress li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE l-leġiżlazzjoni rilevanti dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tapplika biss għall-impjegati. Barra minn hekk, dawn il-ħaddiema ma jkunux normalment fil-mira ta' servizzi ta' prevenzjoni, monitoraġġ u infurzar, huma esklużi minn inizjattivi ta' djalogu soċjali u ma humiex koperti minn negozjar kollettiv.

- **Ġestjoni algoritmika**

Il-pjattaformi jużaw ġestjoni algoritmika, jiġifieri, algoritmi biex jallokaw il-kompiti, jimmonitorjaw u jevalwaw il-prestazzjoni u l-imġiba tal-ħaddiema. Dan jista' jimmina l-awtonomija, il-kontroll tal-impjieg u l-flessibbiltà tal-ħaddiema, u jista' jirriżulta f'ammont akbar ta' xogħol, eżawriment, ansjetà u stress, li jħallu impatt negattiv fuq is-saħħa u l-benesseri. L-algoritmu jikklassifika u jipprovdi premji jew penali lill-ħaddiema abbażi tal-prestazzjoni jew l-imġiba tagħhom, li jistgħu jkunu emozzjonalment eżiġenti. Ta' min isemmi wkoll li ħafna drabi hemm nuqqas ġenerali ta' trasparenza dwar il-mod kif jaħdem l-algoritmu, li jista' jikkontribwixxi għall-insigurtà u l-istress, u jkun ta' ostaklu għall-parteċipazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema.

- **Iżolament soċjali, postijiet tax-xogħol mhux konvenzjonali u kunflitt bejn ix-xogħol u l-ħajja privata**

Ix-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali jitwettaq l-aktar f'iżolament minn forza tax-xogħol anonima u mxerrda, b'fatturat għoli tax-xogħol, f'postijiet tax-xogħol mhux adattati biżżejjed, spiss b'taġħmir inadegwat u b'konfini mhux ċari bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Dan jista' jkollu firxa ta' implikazzjonijiet għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema tal-pjattaformi. Kwistjonijiet irrappurtati b'mod frekwenti huma problemi ta' rqad, eżawriment, stress, dipressjoni, burnout, solitudni, disturbji muskuloskeletalni, inċidenti u nuqqas ta' sodisfazzjon ġenerali bl-impjieg u bil-ħajja personali tal-individwu. L-iżolament soċjali tal-ħaddiema tal-pjattaformi jillimita l-organizzazzjoni tagħhom, u konsegwentement id-djalogu soċjali, in-negozjar kollettiv u l-parteċipazzjoni fl-iżvilupp ta' sistema ta' ġestjoni tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali. B'forza tax-xogħol mifruxa u nuqqas ta' korpi rappreżentattivi organizzati, huwa diffiċli li wieħed jipromwovi t-taħriġ, l-aċċess għas-servizzi u l-inizjattivi tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali bħal kampanji ta' kuxjenza u prevenzjoni.

- **Nuqqas ta' sigurtà tal-impjieg u tal-introjt**

Ix-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali jgħib miegħu nuqqas sinifikanti ta' sigurtà fl-impjieg u fl-introjt, peress li l-ħaddiema spiss ikollhom ftit jew l-ebda kontroll, jew setgħa ta' negozjar, fuq kemm jistgħu jaħdmu u jaqilgħu għal kull komputu. In-nuqqas ta' sigurtà tal-impjieg u tal-introjt huma fatturi ta' riskju psikosoċjali rikonnoxxuti relatati max-xogħol.



Prattiki effettivi għal xogħol fuq il-pjattaformi diġitali sikur u tajjeb għas-saħħa

Biex jiġu evitati r-riskji assoċjati max-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet pubbliċi, il-pjattaformi tax-xogħol diġitali, l-assoċjazzjonijiet tal-pjattaformi, is-sħab soċjali u l-ħaddiema tal-pjattaformi nfushom introduċew diversi inizjattivi.

Inizjattivi fil-livell tal-politika

“Il-Liġi Spanjola dwar ix-Xufiera”: introduċiet dritt għal trasparenza algoritmika u l-preżunzjoni ta’ relazzjoni ta’ impjeg dipendenti.

Il-qafas leġiżlattiv Taljan u l-Karta ta’ Bolonja: il-Karta ta’ Bolonja tad-Drittijiet Fundamentali tax-Xogħol Diġitali fil-Kuntest Urban introduċiet kundizzjonijiet ta’ protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali għax-xogħol fuq il-pjattaformi u ispirat inizjattivi simili fir-reġjun ta’ Lazio u f’Milan, kif ukoll bidliet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Qafas leġiżlattiv Franċiż: sett ta’ liġijiet, bħal-Liġi ta’ El Khomri dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-Liġi dwar l-Orientazzjoni tal-Mobbiltà, jagħti firxa ta’ drittijiet u protezzjoni lill-ħaddiema tal-pjattaformi, bħad-dritt li jiffurmaw u jingħaqdu ma’ trade union, id-dritt għall-isknessjoni u l-assigurazzjoni kontra inċidenti relatati max-xogħol.

Inizjattivi minn pjattaformi u assoċjazzjonijiet ta’ pjattaformi

Glovo, Lyft, DoorDash, Uber, Waymo, Amazon Flex u pjattaformi oħra introduċew għadd ta’ inizjattivi biex jintegraw l-aspetti tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fil-funzjonament tal-apps u t-teknoloġiji tagħhom. Dan juri li l-pjattaformi jistgħu jippromwovu b’mod attiv xogħol fuq il-pjattaformi sikur u tajjeb għas-saħħa. Eżempji ta’ inizjattivi huma hotlines, helpdesks, sistemi ta’ appoġġ awtomatizzati, messaġġi dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, pariri u suġġerimenti permezz ta’ notifikazzjoni bbażati fuq app u indikazzjonijiet awtomatizzati relatati mas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, fora ta’ gruppi korporattivi u miżuri ta’ sigurtà interpersonali (eżempju: assistenza ta’ emerġenza jew buttuni ta’ paniku). Eżempji oħra jinkludu l-għoti ta’ xbieki ta’ sikurezza fil-forma ta’ assicurazzjoni tal-mard, tal-inċidenti u tal-kumpens, assicurazzjoni tal-kura tas-saħħa u tad-diżabbiltà, leave tal-maternità u tal-paternità, flimkien ma’ taħriġ u riżorsi ta’ kuxjenza dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali mfasla apposta.

Prattiki minn trade unions u ħaddiema tal-pjattaformi

It-trade unions kienu attivi fl-Ewropa kollha, u wettqu attivitajiet biex jippromwovu l-prevenzjoni tar-riskji tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fix-xogħol fuq il-pjattaformi. Eżempji ta’ dawn huma reġistri u osservatorji dwar il-liġi kruċjali tax-xogħol, id-djalogu soċjali u skemi volontarji relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali, għodod ta’ taħriġ għat-trade unions u kollezzjonijiet ta’ prattiki tajba għall-prevenzjoni tar-riskji tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali. Il-ħaddiema tal-pjattaformi kienu qed jimplementaw ukoll inizjattivi, bħal skambji informali ta’ informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati max-xogħol bejn il-pari. Il-forums taċ-chat, il-midja soċjali u l-interazzjonijiet wiċċ imb wiċċ huma l-mezzi li jintużaw l-aktar ta’ spiss. Inizjattivi oħra jinkludu miżuri informali ta’ sikurezza u prekawzjonijiet biex jipproteġu lilhom infushom minn riskji speċifiċi għall-kompiti.

Inizjattivi bbażati fuq id-djalogu soċjali

Is-sħab soċjali nneogzjaw u qablu dwar diversi inizjattivi. Il-ftehimiet kollettivi wrew li huma għodda effettiva biex jiġi żgurat tagħmir protettiv personali għax-xufiera f’konformità mal-ġurisdizzjonijiet nazzjonali u biex jittejjbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema tal-pjattaformi. Pereżempju, Hilfr, pjattaforma ta’ servizzi ta’ tindif mid-Danimarka, u t-trade union Daniża 3F innegozjaw ftehim kollettiv pijunier li jippromwovi xogħol deċenti u benefiċċji tal-mard, inkluż suppliment għall-benesseri ekonomiku, li huwa kumpens addizzjonali kemxejn ekwivalenti għal paga ta’ periklu.

Riżorsi

Ikkonkja l-kontenut kollu relatat taħt il-qasam prijoritarju “Xogħol fuq il-pjattaformi diġitali”:
<https://healthy-workplaces.osha.europa.eu/en/about-topic/priority-area/digital-platform-work>.

Ikkonsulta l-pubblikazzjonijiet kollha dwar is-sugġett:
<https://osha.europa.eu/en/publications-priority-area/digital-labour-platforms>.

It-taqsima tematika tal-EU-OSHA dwar id-diġitalizzazzjoni tax-xogħol u l-implikazzjonijiet tagħha għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali:
<https://osha.europa.eu/en/themes/digitalisation-work>.

Kwistjonijiet psikosoċjali u l-bidla fid-dinja tax-xogħol:
<https://oshwiki.osha.europa.eu/en/themes/psychosocial-issues-changing-world-work>.